# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tal-Erbgħa, 3 ta' Lulju 2019

## Talba Numru 17/2019SFJ

***Crosscraft Co. Limited (C6078)***

***vs.***

***Elite Printing Malta Limited (C67046)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-1 ta' Frar 2019 fejn ġie premess u mitlub is-segwenti:

> "*Illi s-soċjetà konvenuta nhar id-29 ta' Ottubru 2014 kienet xtrat xi appliances u ċioe washing machine kif ukoll dishwasher mingħand is-soċjetà attriċi u dan għas-somma ta' elf, sitt mija u tmienja u disgħin Ewro (€1,698.00) skont invoice numru 043219 li qed tiġi hawn annessa u immarkata bħala Dokument A.*
>
> *Illi s-soċjetà konvenuta ġiet interpellata diversi drabi sabiex tħallas is-somma dovuta kemm b'ittra bonarja datata 25 ta' Marzu 2015 kif ukoll b'ittra legali datata 7 ta' Lulju 2015 li qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dokument B u Dokument Ċ rispettivament pero din baqgħet inadempjenti u l-ammont għadu sal-gurnata tal-lum ma tħallasx.*
>
> *Għaldaqstant is-soċjetà esponenti qegħda titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas is-somma ta' elf, sitt mija u tmienja u disgħin Ewro (€1,698.00) dovuti lis-soċjetà attriċi u dan skont invoice numru 043219 hawn annessa tad-29 ta' Ottubru 2014 oltre l-imgħax legali mid-29 ta' Ottubru 2014 sad-data tal-effettiv pagament.*
>
> *Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra legali tas-7 ta' Lulju 2015 Dokument Ċ kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jiġi ippreżentat kontestwalment ma' dan l-Avviż u bl-inġunzjoni tas-soċjetà intimata għas-subizzjoni.*"

Ra s-segwenti dokumenti ippreżentati in sostenn tal-Avviż tat-Talba:

- Dokument "A", li huwa *statement* maħruġ mis-soċjetà attriċi fid-29 ta' Ottubru 2014 li jindika bilanċ identiku għall-ammont mitlub permezz tal-Avviż tat-Talba;

- Dokument "B", li hija kopja ta' ittra datata 25 ta' Marzu 2015 mibgħuta minn Robert Farrugia Vella; u

- Dokument "Ċ", li hija kopja ta' ittra legali mibgħuta lis-soċjetà konvenuta nhar is-7 ta' Lulju 2015.

Ra li wara numru ta' tentattivi, is-soċjetà konvenuta ġiet innotifikata nhar is-17 ta' Mejju 2019 kif jidher mir-riferta relattiva a fol. 16 tal-proċess.

Ra li nonostante r-riferta pożittiva, is-soċjetà konvenuta ma ppreżentat ebda risposta, ma dehret għal ebda seduta u lanqas għamlet xi sottomissjoni kwalsiasi.

Ra l-kapitolu ippreżentat mis-soċjetà attriċi għas-subizzjoni tas-soċjetà konvenuta fl-udjenza tat-12 ta' Ġunju 2019.

Ra li fl-udjenzi tat-12 ta Ġunju 2019 u tat-3 ta' Lulju 2019, is-soċjetà konvenuta baqgħet ma dehritx sabiex tiċħad il-mistoqsija magħmula lilha in subizzjoni u sabiex tikkontesta l-kawża.

Ikkunsidra li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

Ikkunsidra li l-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

Illi *siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Ra l-affidavit ta' Robert Farrugia Vella (469671M), direttur tas-soċjetà attriċi, ippreżentat fit-12 ta' Ġunju 2019, li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi riedet tipprova li s-soċjetà konvenuta hija debitur tas-soċjetà attriċi fl-ammont u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba.

Jidhirlu għalhekk it-Tribunal li t-talba tas-soċjetà attriċi ġiet sodisfaċentement ippruvata fil-kontumaċja tas-socjetà konvenuta u jqis il-kapitolu bħala moqri u mistqarr.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf, sitt mija u tmienja u disgħin Ewro (€1,698.00) bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali kif mitlub fl-Avviż tat-Talba.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**